



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Marzu 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0052(NLE)

6799/22
ADD 1

POLCOM 10
WTO 31

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: ST 6797/2022 ADD 1	
Suġġett:	ANNEX għall-Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ rigward l-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar ir-rieżami tal-Ftehim dwar id-Dispożizzjonijiet Amministrattivi għall-Kwoti Tariffarji tal-Prodotti Agrikoli



G/AG/32

11 ta' Novembru 2021

(21-8555)

Paġna: 1/7

Kumitat dwar l-Agricoltura

KUMITAT DWAR L-AGRIKOLTURA

G/AG/32

11 ta' Novembru 2021

**RIEŻAMI TAL-OPERAT TAD-DEĊIŻJONI TA' BALI DWAR L-AMMINISTRAZZJONI
TAL-KWOTI TARIFFARJI**

RAPPORT MILL-PRESIDENT LILL-KUNSILL ĠENERALI

1.1. Fid-Disa' Sessjoni tal-Konferenza Ministerjali f'Diċembru 2013 f'Bali, il-Ministri adottaw id-Deċiżjoni dwar "Il-Ftehim dwar id-Dispożizzjonijiet Amministrattivi għall-Kwoti Tariffarji tal-Prodotti Agrikoli, kif iddefinit fl-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar l-Agricoltura" (WT/MIN(13)/39) (minn hawn 'il quddiem imsejħa d-"Deċiżjoni"). Id-Deċiżjoni kienet teħtieġ ukoll rieżami tal-operat tagħha li jibda mhux aktar tard minn tmien l-2017 bil-għan li tittejjeb ir-rata tal-utilizzazzjoni tal-Kwoti Tariffarji. L-operat fil-futur tal-paragrafu 4 tal-Mekkaniżmu f'Każ ta' Utilizzazzjoni Insuffiċjenti (tal-kwoti tariffarji) fl-Anness A tad-Deċiżjoni ngħata l-mandat speċifiku li jiġi adottat fil-qafas tar-Rieżami skont il-paragrafi 13-14 tad-Deċiżjoni.

1.2. Dan ir-Rieżami ġie konkluż meta l-Kunsill Ġenerali, fil-laqgħa tiegħu tad-9 u l-10 ta' Diċembru 2019, approva r-rakkomandazzjonijiet mill-Kumitat għall-Agrikoltura (CoA) li jinsab fl-Anness 2 ta' G/AG/29. Madankollu, ma kien hemm l-ebda ftehim sostantiv dwar il-kwistjoni tal-operat fil-futur tal-paragrafu 4 tal-Mekkaniżmu f'Każ ta' Utilizzazzjoni Insuffiċjenti matul l-eżerċizzju ta' rieżami li sar bejn l-2017 u l-2019. Minflok, skont il-paragrafu 1 tar-rakkomandazzjonijiet approvati fl-Anness 2 ta' G/AG/29, il-Membri qablu li jipposponu b'sentejn l-iskeda ta' żmien biex tittieħed deċiżjoni dwar il-paragrafu 4 tal-Mekkaniżmu f'Każ ta' Utilizzazzjoni Insuffiċjenti, jiġifieri sa tmiem l-2021.

1.3. Ir-rakkomandazzjonijiet jalludu wkoll għall-potenzjal li jkun hemm frammentazzjoni tad-Deċiżjoni jekk il-Membri seletti, elenkati fl-Anness B tad-Deċiżjoni, jingħataw id-dritt li jtemmu l-applikazzjoni tal-paragrafu 4, f'każ li ma jintlaħaqx ftehim fost il-Membri dwar l-operat fil-futur ta' dan il-paragrafu. L-evitar ta' konċessjoni għal ċerti Membri, li jista' potenzjalment jiġi skattat min-nuqqas ta' qbil dwar l-operat fil-futur tal-paragrafu 4 sal-iskadenza miftiehma, baqa' motivazzjoni importanti għal diversi Membri biex jilhqqu qbil fuq soluzzjoni dwar dan il-paragrafu fid-diskussjonijiet tas-CoA ta' wara l-2019 dwar din il-kwistjoni.

1.4. F'dawn id-diskussjonijiet, il-Membri eżaminaw fid-dettall kif il-paragrafu 4 attwali jopera fil-prattika matul l-istadju finali tal-Mekkaniżmu f'Każ ta' Utilizzazzjoni Insuffiċjenti. Ġie nnotat li l-Membri importatur fl-istadju finali tal-Mekkaniżmu f'Każ ta' Utilizzazzjoni Insuffiċjenti skont il-paragrafu 4 attwali huwa obligat jibdel il-metodu ta' amministrazzjoni tal-Kwoti Tariffarji biex ikun fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel fid-dwana (FCFS), inkella jibdlu għal sistema awtomatika ta' liċenzja mingħajr kundizzjonijiet fuq talba – u l-alternattiva tintgħażel abbażi ta' konsultazzjonijiet mal-Membri/i esportatur(i) ikkonċernat(i). Il-metodu ta' amministrazzjoni magħżul imbagħad jinżamm għal minimu ta' sentejn u wara dan, u dment li r-rati ta' utilizzazzjoni tal-kwoti tariffarji fil-ħin ikunu ġew innotifikati għal daww is-sentejn, il-kwistjoni tkun "magħluqa" u mmarkata kif xieraq fir-Reġistru ta' Traċċar tas-Segretarjat.

1.5. Il-Membri importaturi li qed jiżviluppaw, fl-istadju finali tal-Mekkaniżmu f'Każ ta' Utilizzazzjoni Insuffiċjenti jistgħu jagħżlu metodu alternattiv ta' amministrazzjoni tal-Kwoti Tariffarji jew iżommu l-metodu attwali skont l-aħħar parti tal-paragrafu 4 attwali. L-għażla ta' metodu alternattiv ta' amministrazzjoni tal-Kwoti Tariffarji tkun teħtieġ li tiġi nnotifikata lis-CoA fi ħdan l-operat tal-Mekkaniżmu f'Każ ta' Utilizzazzjoni Insuffiċjenti. Il-metodu magħżul jinżamm għal minimu ta' sentejn u l-kwistjoni tkun "magħluqa" dment li r-rata ta' użu tkun żdiedet b'żewġ terzi taż-żidiet annwali deskritti fil-paragrafu 3(b) tal-Mekkaniżmu f'Każ ta' Utilizzazzjoni Insuffiċjenti.

1.6. Abbażi ta' dawn id-diskussjonijiet, il-Membri kisbu apprezzament aħjar tal-punt ewlieni ta' xkiel identifikat b'rabta mal-operat fil-futur tal-paragrafu 4 tal-Mekkaniżmu f'Każ ta' Utilizzazzjoni Insuffiċjenti, meta Membru importatur li qed jiżviluppa ma jiksibx iż-żieda meħtieġa fir-rata ta' utilizzazzjoni filwaqt li jżomm il-metodu attwali ta' amministrazzjoni tal-Kwoti Tariffarji, jew juża metodu ta' amministrazzjoni alternattiv.

1.7. L-isforzi tal-Membri biex jilħqu qbil dwar il-paragrafu 4 ffukaw prinċipalment fuq is-sejbien ta' approċċi possibbli biex tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni potenzjali pendent għall-Membri importaturi li qed jiżviluppaw sabiex jinkiseb "għeluq" tal-kwistjoni li tqajmet dwar l-utilizzazzjoni insuffiċjenti.

1.8. Kien hemm appoġġ mifrux għal approċċ ibbażat fuq suġġeriment testwali magħmul b'mod informali mill-Costa Rica li skontu, Membru importatur li qed jiżviluppa li jonqos milli jissodisfa l-istandard tar-rata ta' utilizzazzjoni meħtieġ (jiġifieri żewġ terzi taż-żidiet annwali deskritti fil-paragrafu 3(b) tal-Mekkaniżmu f'Każ ta' Utilizzazzjoni Insuffiċjenti) wara sentejn fl-istadju finali tal-Mekkaniżmu f'Każ ta' Utilizzazzjoni Insuffiċjenti, wara li jkun uża metodu ta' amministrazzjoni alternattiv jew żamm il-metodu attwali fis-seħħ, ikun soġġett għar-rekwiżit standard fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 4, jekk dan jintalab mill-Membri/i esportatur(i) interessat(i). Jekk din it-talba ma ssirx, il-kwistjoni tiġi mmarkata bħala "magħluqa" wara sentejn fl-istadju finali, anke jekk ma tkunx inkisbet iż-żieda meħtieġa fir-rata tal-utilizzazzjoni. Dan is-suġġeriment għandu l-għan li jiżgura li kwistjoni fl-istadju finali tal-Mekkaniżmu eventwalment se tilħaq "għeluq" jew "riżoluzzjoni".

1.9. Kwistjoni addizzjonali li tqajmet aktar reċentement f'din id-diskussjoni kienet tikkonċerna r-relazzjoni bejn l-obbligi li jirriżultaw mill-Mekkaniżmu f'Każ ta' Utilizzazzjoni Insuffiċjenti u d-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-amministrazzjoni tal-Kwoti Tariffarji li Membru importatur jista' jkollu fl-Iskeda ta' Konċessjonijiet tiegħu. Il-Membri ġeneralment irrikonoxxew is-supremazija tal-konċessjonijiet u l-impenji fl-Iskedi, u li r-rwol tad-Deċiżjoni u l-Mekkaniżmu f'Każ ta' Utilizzazzjoni Insuffiċjenti tagħha kien li jippromwovu implimentazzjoni effettiva tal-impenji skedati, aktar milli jimmodifikawhom. Hawnhekk, il-Membri kienu speċifikament iggwidati mill-paragrafu 5 tal-Mekkaniżmu f'Każ ta' Utilizzazzjoni Insuffiċjenti, li b'mod espliċitu jistabbilixxi ġerarkija bejn l-obbligi fil-qafas tal-ftehimiet koperti (li, skont l-Artikolu II:7 tal-GATT tal-1994, jinkludu l-iskedi ta' prodotti tal-Membri) u d-dispożizzjonijiet tal-Mekkaniżmu f'Każ ta' Utilizzazzjoni Insuffiċjenti, billi jiddikjaraw li "fil-każ li jkun hemm xi kunflitt, għandhom jipprevalu d-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet koperti".

1.10. Abbażi tad-diskussjonijiet, l-abbozz propost tad-Deċiżjoni dwar l-operat fil-futur tal-paragrafu 4 tal-Mekkaniżmu f'Każ ta' Utilizzazzjoni Insuffiċjenti (kif jidher fl-Anness ta' dan ir-rapport) jinkludi l-elementi li ġejjin:

- i. Il-qsim tal-paragrafu 4 attwali tal-Mekkaniżmu f'Każ ta' Utilizzazzjoni Insuffiċjenti f'żewġ subparagrafi, biex joffri ċ-ċarezza fir-rigward tar-rekwiżit "standard" bħal fis-subparagrafu 4a) propost, u t-trattament speċjali u differenzjali (S&DT) fis-subparagrafu 4b);
- ii. Il-kontenut tal-element ta' trattament speċjali u differenzjali fil-paragrafu 4 attwali jiġi riprodott, mingħajr ebda tibdil, fis-subparagrafu 4b) propost;
- iii. Sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni pendenti fejn Membru importatur li qed jiżviluppa ma jissodisfax l-istandard tar-rata ta' utilizzazzjoni meħtieġ wara sentejn, filwaqt li jew iżomm il-metodu attwali ta' amministrazzjoni tal-Kwoti Tariffarji jew juża metodu ta' amministrazzjoni alternattiv, l-abbozz tad-Deċiżjoni jipproponi li tiżdied alternattiva oħra fl-aħħar parti tas-subparagrafu 4(b) sabiex jintlaħaq "għeluq" tal-kwistjoni. Dan ikun jeħtieġ li l-Membru importatur ikkonċernat li qed jiżviluppa jimplimenta r-rekwiżit "standard" fl-ewwel parti tal-paragrafu 4 attwali;
- iv. Qed tiġi proposta n-nota 6 ġdida f'qiegħ il-paġna biex jiġi indirizzat it-tħassib potenzjali li xi Membri esprimew dwar ir-relazzjoni bejn l-obbligi li jirriżultaw mill-Mekkaniżmu f'Każ ta' Utilizzazzjoni Insuffiċjenti u l-obbligi inklużi fl-iskedi ta' konċessjonijiet tal-Membri importaturi. Il-paragrafu 5 tal-Mekkaniżmu f'Każ ta' Utilizzazzjoni Insuffiċjenti diġà jiċċara r-relazzjoni bejn l-obbligi li jirriżultaw mill-Mekkaniżmu f'Każ ta' Utilizzazzjoni Insuffiċjenti, u d-drittijiet u l-obbligi tal-Membri skont il-"ftehimiet koperti";
- v. Peress li qbil dwar l-operat fil-futur tal-paragrafu 4 tal-Mekkaniżmu f'Każ ta' Utilizzazzjoni Insuffiċjenti jwassal ukoll għall-konklużjoni tar-rieżami tal-operat tad-Deċiżjoni ta' Bali dwar il-Kwoti Tariffarji skont il-paragrafi 13 sa 15 tad-Deċiżjoni, l-abbozz tad-Deċiżjoni jipproponi li dawn it-tliet paragrafi, flimkien mal-Anness B tad-Deċiżjoni, isiru mhux operattivi.

1.11. Il-paragrafu 14 tad-Deċiżjoni jeħtieġ li r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill Ġenerali fir-rigward tal-paragrafu 4 tal-Mekkaniżmu f'Każ ta' Utilizzazzjoni Insuffiċjenti għandhom jipprevedu trattament speċjali u differenzjali. F'dan ir-rigward, l-abbozz tad-Deċiżjoni li fih ir-rakkomandazzjonijiet għall-operat fil-futur tal-paragrafu 4 jżomm id-dispożizzjoni attwali tat-trattament speċjali u differenzjali skont is-subparagrafu propost 4b), peress li jiddikjara li Membru importatur li qed jiżviluppa, fl-istadju finali tal-Mekkaniżmu f'Każ ta' Utilizzazzjoni Insuffiċjenti jista' jżomm il-metodu attwali ta' amministrazzjoni tal-Kwoti Tariffarji jew juża metodu ta' amministrazzjoni alternattiv, u jikseb riżoluzzjoni tal-kwistjoni billi juri ż-żieda meħtieġa fir-rata ta' utilizzazzjoni. Din l-alternattiva, kif tidher fil-paragrafu 4 attwali tad-Deċiżjoni, tibqa' l-istess. Meta, fis-sentejn ta' wara, il-Membru importatur li qed jiżviluppa ma jiksibx iż-żieda meħtieġa fir-rata ta' utilizzazzjoni f'dawn iċ-ċirkostanzi, id-Deċiżjoni proposta tista' tirrikjedi li l-Membru japplika r-rekwiżit "standard" stabbilit fl-ewwel parti tal-paragrafu 4 attwali (jiġifieri min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel fid-dwana jew għal-liċenzjar awtomatiku). Għandu jiġi nnotat li r-rekwiżit biex tiġi applikata din id-dispożizzjoni mhuwiex awtomatiku lanqas wara dawk is-sentejn. Minflok, l-obbligu propost japplika biss abbażi ta' talba mill-Membru/i esportatur(i) ikkonċernat(i). F'każ li ma ssir l-ebda talba, minkejja li l-Membru importatur li qed jiżviluppa ma jissodisfax l-istandard meħtieġ tar-rata ta' utilizzazzjoni, il-kwistjoni ta' utilizzazzjoni insuffiċjenti tiġi mmarkata bħala "magħluqa".

1.12. Il-Kumitat għall-Agrikoltura reġa' sejjaħ id-99 laqgħa regolari tiegħu fid-9 ta' Novembru 2021 biex ikompli d-diskussjoni tal-punt fl-aġenda 2 D(i) sospiż dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Bali dwar l-amministrazzjoni tal-Kwoti Tariffarji. **F'dik il-laqgħa, il-Kumitat qabel li jibgħat l-abbozz tad-Deċiżjoni¹ fl-Anness ta' dan ir-rapport lill-Kunsill Ġenerali għall-konsiderazzjoni u għas-sottomissjoni sussegwenti tiegħu lit-Tnax-il Konferenza Ministerjali (MC-12) għal deċiżjoni mill-Ministri.**

¹ Xi Membri indikaw li jkunu jeħtieġu aktar żmien biex jikkonsultaw mal-kapitali tagħhom:

Il-Konferenza Ministerjali,

Wara li kkunsidrat il-paragrafu 1 tal-Artikolu IX tal-Ftehim ta' Marrakesh li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (il-"Ftehim tad-WTO");

Filwaqt li tinnota li d-Deċiżjoni Ministerjali tas-7 ta' Diċembru 2013 dwar il-Ftehim dwar id-Dispożizzjonijiet Amministrattivi għall-Kwoti Tariffarji tal-Prodotti Agrikoli, kif iddefinit fl-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura (WT/MIN(13)/39-WT/L/914) bid-data tal-11 ta' Diċembru 2013 (minn hawn 'il quddiem imsejħa d-"Deċiżjoni ta' Bali dwar l-Amministrazzjoni tal-Kwoti Tariffarji");

Filwaqt li tfakkar fir-rakkomandazzjonijiet tar-Rieżami tal-operat tad-Deċiżjoni ta' Bali dwar l-Amministrazzjoni tal-Kwoti Tariffarji fl-Anness 2 ta' G/AG/29 approvati mill-Kunsill Ġenerali fil-laqgħa tiegħu tad-9 u l-10 ta' Diċembru 2019;

Filwaqt li tirrikonoxxi li l-paragrafu 1 tar-rakkomandazzjonijiet imsemmija hawn fuq stabbilixxa l-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2021 għal deċiżjoni dwar l-operat fil-futur tal-paragrafu 4 tal-Anness A tad-Deċiżjoni ta' Bali dwar l-Amministrazzjoni tal-Kwoti Tariffarji;

Tiddeċiedi li:

1. Il-paragrafu 4 tal-Anness A tad-Deċiżjoni ta' Bali dwar l-Amministrazzjoni tal-Kwoti Tariffarji għandu jinqara kif ġej:

4.a. Il-Membru importatur għandu mbagħad jipprovdi minnufih l-aċċess mingħajr xkiel permezz ta' wieħed mill-metodi ta' amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji^{2,3}; bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel biss (fil-fruntiera); jew sistema awtomatika ta' liċenzja mingħajr kundizzjonijiet fuq talba fi ħdan il-kwota tariffarja. Fit-tehd ta' deċiżjoni dwar liema minn dawn iż-żewġ alternattivi għandhom jiġu implimentati, il-Membru importatur se jikkonsulta mal-Membri esportaturi interessati. Il-metodu magħżul għandu jinżamm mill-Membru importatur għal minimu ta' sentejn, u wara dan iż-żmien – dment li jkunu ġew sottomessi n-notifiki f'waqthom għas-sentejn – dan jiġi nnotat fir-reġistru ta' traċċar tas-Segretarjat u l-kwistjoni tiġi mmarkata "magħluqa".

4.b. Il-Membri tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw jistgħu jagħżlu metodu alternattiv ta' amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji jew iżommu l-metodu attwali fis-seħħ. Din l-għażla ta' metodu alternattiv għall-amministrazzjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Kumitat għall-Agricoltura skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-mekkaniżmu. Il-metodu magħżul għandu jinżamm mill-Membru importatur għal minimu ta' sentejn, u wara dan iż-żmien, jekk ir-rata ta' utilizzazzjoni tkun żdiedet b'żewġ terzi taż-żidiet annwali deskritti fil-paragrafu 3(b), dan jiġi nnotat fir-reġistru ta' traċċar tas-Segretarjat u l-kwistjoni tiġi mmarkata "magħluqa". Fuq talba ta' Membru interessat, id-dispożizzjonijiet skont il-paragrafu 4(a) għandhom japplikaw jekk wara s-sentejn, ir-rata ta' utilizzazzjoni ma tkunx żdiedet mill-inqas b'żewġ terzi taż-żidiet annwali deskritti fil-paragrafu 3(b). Jekk ma ssir l-ebda talba, il-kwistjoni għandha tiġi mmarkata bħala "magħluqa".

2 Minn issa 'l quddiem, il-paragrafi 13 sa 15 tad-Deċiżjoni ta' Bali dwar l-Amministrazzjoni tal-Kwoti Tariffarji, flimkien mal-Anness B, isiru mhux operattivi.

² L-azzjonijiet u r-rimedji li jieħu l-Membru importatur ma għandhomx jimmodifikaw jew jimpedixxu d-drittijiet ta' Membru li jkollu allokkazzjoni speċifika għall-pajjiż għal dik il-kwota tariffarja fir-rigward tal-allokkazzjoni speċifika għall-pajjiżhom.

³ Fil-każ ta' kunflitt, id-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-arranġamenti tal-importazzjoni tal-kwoti tariffarji speċifikati fl-Iskeda ta' Konċessjonijiet tal-Membru importatur għandhom jipprevalu sal-punt tal-kunflitt.